~~Il-kok li kellna magħna kien jaf isaj-jar tajjeb, u llestielna ikla tal-ħbieb. Wara l-ikel morna norqdu, għax fil-għodu kien hemm lesta għalina għa-dma jiebsa oħra: nbakkru u ner-ħulha biex nitilgħu Ġebel Musa, għoli 7,460 pied!~~

~~DUN KARM SANT.~~

~~(*Baqa' għal ħarġa oħra.*)~~

# DISA' XHUR FIS-SALT U L-INSARA TAT-TRANSGORDANJA

Meta jiena kont it-Transġordânja, is-Salt kienet l-akbar belt ta' dik l-art. Kien fiha nies, kif kont nismagħhom jgħîdu, xi mitejn u għoxrîn elf rûħ, il-kotra tagħhom Misilmîn; Insâra kien hemm: xi ħâġa fuq elf Griegi Ortodossi; xi tmen mija Latîni, u Griegi Kattolki ma' dwar erba' mija. Kien hemm ukoll xi Protestanti, imma ma jidhirx li kien hemm wisq. In-nies tas-Salt kienu kollha Għarab, barra minn qassîs Taljân, Dun Giuseppe Longo (li ġie imġarrfa; dâk tan-naħa tax-Xerq (tlûgħ ix-xemx) jgħîdulu s-Salâlem; u l-ieħor,, in-naħa tal-Qibla (nofs inhar) jgħîdulu n-Nebi Ġadôr. In-naħa tal-Għarb hemm *muntanja* wkoll, jgħîdulha Ġebel Għûxa, għolja tlett elef u sitt mitt (3,600) xiber Ingliż, imma ftit bgħîda, u qabel ma tilħaq telgħatha, trîd tgħaddi wied minn tûlu, jgħîdulu Wâdi l-Qrâd. Ix-xemx, sa fis-sajf, fil-għodu, tfiġġ minn wara s-Salâlem għal xi t-tmie-nja, u ftît wara l-erbgħa, tinżel wara



*Dehra ta' biċċa mis-Salt, in-naħa li jgħidulha n-Nebi Ġadôr. Id-dar weħed-ha ta' fuq ras il-ġebel hija ta' raġel Nisrâni, kattolku, jismu Musa Nassâr.*

s-Salt ftît żmien ; warajja), u jien, minn Malta, li sa dak iż-żmien, naħ-seb, kont l-ewwel Malti li qatt rifes dik l-art.

Is-Salt mibnija bejn tliet iġbla, fuq id-djûl tagħhom u ġewwa ż-żewġ wid-jien ta' bejniethom. Il-ġebel, jew *muntanja*, li jiġi n-naħa tax-Xmiel (nord) jgħidulu Ġebel il-Qalgħa, għax fuqu kien hemm mibnija qal-għa, jew belt żgħîra tas-suldati, il-lûm Ġebel Għûxa, 'il hemm minn Wâdi l-Qrâd. Meta tagħmel ix-xita, l-ilma jċarċar mal-ġnûb tal-iġbla, minn bejn id-djâr għal ġewwa l-misraħ li jgħi-dulu s-Sûq (għax ġewwa fih n-nies tas-Salt fil-għodu jarmaw ibiegħu) u mat-toroq il-kbâr tal-belt jiġri l-wied. Toroq, li jistgħu jissemmew toroq kien hemm tlieta: tnejn jib-dew mill-misraħ u jibqgħu sejrîn jin-għaqdu mat-trîq tal-karozzi li tieħu

għal Għammân, u oħra li tibda minn ħdejn il-knisja tal-Griegi Kattolki u tmûr tingħaqad mat-trîq ta' Għammân ukoll. Il-bqija, qalb id-djâr ta' mal-ġnub tal-iġbla, ma hemmx toroq, u anqas jista' jkun hemm, għax il-ġnûb weqfin wisq. Hemm bħal trejqiet għaddejjin minn bejn id-djar, bla isem, u bla numri fuq il-bibien.

Jien mort is-Salt minn Gerusalêm; kien ġie ħâdni l-kurât tas-Salt, Abûna Ġubrajiel Swejdân, Għarbi, mill-Huson, fl-ewwel t'Ottubru tal-1927. F'Lulju ta' dik is-sena, fil-Palestîna u t-Transġordânja kienet għamlet teħżiża qawwija, u fis-Salt kienu waqgħu ħafna djâr, u l-knisja tal-Latîni wkoll kienet ħasset sewwa. Kif wasalna hemm, fil-għaxija, il-kurât, l-ewwel ħâġa li għamel tlewwem tilwîma kbîra b'ħafna għajjât, mal-imgħallem tal-bennejja, li kien wieħed minn Għajn Kârem (il-Palestîna) kunjomu Rokk, li kellu miegħu l-ħaddiema biex isewwu d-Dejr u jdawwru l-knisja bi ħżiem tal-ħadîd miksi bis-siment, biex isaħħuha li ma taqâx. It-tilwîma kienet fuq id-Divân, għax il-ħitân tiegħu kienu xxaqqu bit-teħżiża, u mgħallem Rokk kaħħal ix-xqûq u l-ħitân kien sa jbajjadhom. Fuq il-ħajt tal-faċċâta tad-Divân kien hemm żewġ tpinġijiet sbieħ, donnhom *affreski*, waħda Ġesù qiegħed jikteb b'sebgħu fit-trâb, u l-oħra Ġesù wkoll, ikellem lil-mara Samaritâna. U kien hemm ukoll disinn ħelu ta' weraq u fjuri, mad-dawra tad-Divân kollu, ftit 'l isfel mis-saqaf, u Rokk kien sa jbajjad u jgħatti kollox. M'n Alla li l-Kurât wasal fil-ħin!

Jien kont mort hemm biex ngħallem ftit Ingliż fl-iskôla tal-Parroċċa. Għax il-Palestina u t-Transġordânja, dak iż-żmien, l-Insâra kienu jagħmlu skola għaliehom, biex uliedhom ma jmorrux l-iskôla tal-Gvern, fejn it-tfâl u s-surmastrijiet, kollha, jew qishom kollha, Misilmîn. Tfâl subjien tal-Insâra Latîni dak iż-żmien fis-Salt kien hemm qisu xi erbgħîn, u l-iskôla kienet għadha skôla tal-



*Dun Ġubrajil Swejdân, qassîs Għarbi, kattolku, mill-Hoson, kurât tal-Paroċċa tas-Salt, meta mar hemm il-kittieb.*

isem. Sâla mudlama, b'ħafna bankijiet qodma fiha, bħal kattedra qadîma, u siġġu għas-surmast. It-tfâl, kbâr u żgħar flimkien; mîn jaf xi ħaġa u mîn ma jaf xejn. Imqarbîn u ta' Fellaħîn li huma, ħafna minnhom aktarx maħmuġin. Domt hekk, waħdi, nieħu ħsiebhom kif nista', qisni xahar; dejjem insaqsi lil kurât meta sa jaslu s-surmastrijiet l-oħra li kellhom jiġu, u dejjem jgħidli li ġejjin l-aħħar tal-ġimgħa, jew

l-ewwel tal-ġimgħa d-dieħla. Meta kien wasal biex jagħlaq xahar, qtajtha li nitlaq, u lil kurât tajtu *l-ultimatum*. Għedtlu: "Jekk sa nhar is-Sibt li ġej ma jkunx ġie mqâr surmast ieħor, jien, nhar il-Ħadd filgħodu narġa' nitlaq lejn Gerusalêm." Il-kurât baża', għax kieku tlaqt jien, kien ikollu jagħlaq l-iskola; għal hekk ċempel lil Patrijarka u qallu x'kont għedtlu jien. U l-għada l-Patrijarka bagħat surmast ieħor minn Ramalla, jismu Għażîż Abu-Sâba, u ftît jiem wara bagħat ieħor ukoll mit-Tajbe, jismu Sagħîd Xahîn. U ġie wkoll qassîs żagħżugħ Taljan, Dun Giuseppe Longo minn Torin. Hekk irmajna żewġ klassijiet oħra u qassamna t-tfâl u x-xogħol mexa aħjar. Il-Patrijarka kien aktarx ġebbed xahar għal bil-għân, biex jiffranka xahar paga tas-surmastrijiet l-oħrajn.

Id-Dejr u l-knisja tal-Latîni, fis-Salt, mibnijîn ġewwa ħofra fit-tarf tal-misraħ li semmejt l-ewwel. Id-Dejr jgħammar fih il-Kurât, u fîh fûq u isfel. Fûq fîh żewġ kurridûri, wieħed twîl u ieħor qasîr, magħmulin skorra; fit-twîl hemm id-Divân u żewġ kmamar, u fil-qasîr tliet kmamar kollox, tnejn għal Kurât, u kamra għal-qassîs il-viċi, meta jkun hemm. Fil-kurridûr il-qasîr kien hemm bieb żgħîr għal ġewwa l-kanpnâr u mill-kanpnâr għal knisja; u taraġ għal taħt. Billi d-Dejr u l-knisja mibnijîn ġewwa ħofra, il-kmâmar ta' taħt kienu kollha ndewwa u saħansitra ħażîż; u ma jistgħux jgħammru fihom nies. Hemm kien hemm il-kċina u l-kamra tal-ikel, u kmâmar oħrajn battâla. Taħt il-knisja sew kien hemm sâla kbira, battâla wkoll, mudlâma, u kienu jgħîdu li taħt l-art, ġewwa fîha, kien hemm qassîs midfûn, li kienu qatlûħ it-Torok. Taħt il-kmâmar tal-qassisîn kien hemm żewġ klassijiet, tiegħi u ta' Sagħîd, faċċata taxxemx, u quddiemhom bitħa kbîra, jew għalqa mballta, b'siġra tat-tût f'nofsha. Aħna s-surmastrijiet għall-ewwel konna norqdu f'kamra waħda, fûq, imma wara ż-żewġ Għarab marru f'kamra oħra għaliehom, kîf kien xieraq, u kîf kont nixtieq jien. Il-knisja kienet kbajra, b'żewġ kanpnari qosra, bi tliet qniepen. Il-qanpiena ż-żgħira tindaqq għal quddies u għall-iskôla; il-fostanija għall-"Angelus", u l-kbîra tindaqq biss fil-għejjieda. Il-knisja għandha l-faċċata tagħha għal ġwwa bitħa oħra tad-Dejr, m'hux għat-trîq, u minn barra ma fiha ebda żîna. Minn ġewwa mibnija fuq is-sengħa Gotka, imma mingħajr nâvi. Ma nafx il-qjies tagħha imma nistħajjilha li hi xi daqs il-knisja tal-Erwieħ tal-belt. Fqîra għall-aħħar. Fîha tliet artali, il-kbîr tal-ħaġar, it-tnejn l-oħra tal-għewwied. Iż-żgħâr qegħdîn wieħed kull naħa fil-ġnub tal-knisja, ftît 'l isfel mill-Presbiterju. Il-kbîr ma fihx inkwâtru, imma warajh, fil-għôli, kien hemm tliet xbiehat imsawwra fuq il-ħajt, donnhom *affreski* wkoll; tan-nofs jûri l-Kristu mislûb, bid-Duluri, u l-Madalêna, u san Ġwann taħt is-Salîb; tal-lemîn it-twelîd ta' Kristu, bir-rgħajja u s-Sahrîn jagħtûħ qîma; u tax-xellug, Kristu mqajjem mill-mewt, jûri n-nifdiet tal-imsiemer lil san Tumâs. Il-knisja kien fîha l-bankijiet, bid-dahar, twal u wesgħîn ħafna. Fil-għamla jixbhu lil kannapejiet, minn dawk li kien hemm dâri fid-djâr tar-rħûla ta' Malta. Il-bankijiet wesgħîn ħafna għal bil-għân għax dawn in-nies m'hux talli hûma mġissmîn, minnhom, talli jilbsu wisq ħwejjeġ

ukoll, billi s-Salt qiegħda fil-għoli, u fiha fix-xitwa jagħmel il-bard. Irrġiel, barra mis-sirwâl u l-qmîs twîla sal-għarqbejn, jilbsu wkoll iċ-*ċiber*, li jkun donnu suttâna, jinqafel b'buttûna waħda fil-għonq; u drâbi *ċibrejn*, fuq xulxin: sidrija, u ġakketta, u għabaj, li jkun donnu kapott. Minn bdiel il-għabaj, fix-xitwa, ħafna rġiel jilbsu l-farwa li hija bħal għabaj, miksija bil-ġild tal-ħrief bis-sûf b'kollox, minn barra. Wieħed jista' jaħseb b'dawk il-ħwejjeġ kollha fuqhom kemm isîru ħoxnîn. In-nisa wkoll jilbsu qatiegħ ħwejjeġ u djul bilkurkâr, u ġlekk bħal tar-rġiel, imma ohxon xi tliett iswâba', għax ikûn infurrat bis-sûf.

roċċa) jew qasma minnha, u jiktbu lil Patrijarka u jheddu li jekk ma jbiddlux, jaqalbu Ortodossi jew Protestanti. Għal hekk, bil-qalb jew fuq il-qalb, ikollu jneħħîh.

Kull nhar ta' Ħadd, fil-knisja tas-Salt, ikun hemm quddiesa kbîra, fittmienja u nofs. Fis-sebgħa u nofs idoqq l-ewwel u fit-tmienja jdoqq l-aħħar. Ma'tûl dal-ħîn ikun hemm qassîs qiegħed fil-knisja jqârar. Barra, ħada l-bieb tal-knisja jkun hemm ruxxmâta tfâl jilgħabu u xi rġiel jitħaddtu. Malli jdoqq l-aħħar, wieħed mis-surmastrijiet tal-iskôla jċapċap idejh u t-tfal jieqfu f'żewġ saffi u jdaħħalhom il-knisja. Fil-knisja, iż-żgħâr joqogħdu bil-qegħda fuq ħasîra fl-art,



*Dehra ta' biċċa oħra mis-Salt, li tkompli ma' ta' qabel. Fuq il-ġebel tidher il-ħerba tal-Qalgħa, u fix-xellug tar-ritratt jidhru żewġ toroq u f'nofshom il-knisja Latina.*

u l-kbajrin warajhom, fuq il-bankijiet. Jidħlu l-knisja wkoll il-bniet, imseħbîn mir-raħbiet Għarab tal-"Wardija" (tar-Rużârju) u joqogħdu bħas-subjien. Malli kull ħadd ikun fi mkienu, jibda l-Uffiċċju tal-Madonna (huma jgħidulu *Fard il-Għadra*). Jgħiduh kollu bil-Għarbi, u l-Innijiet jgħannuhom il-koll f'daqqa. Jgħajjtu kemm għandhom saħħa, kull wieħed irid jisboq lil sieħbu bil-għajjât.

Qassisîn, is-Salt ikun hemm aktarx tnejn (meta kont hemm jien, barra mill-kurât, kien hemm ukoll Dun Ġiuseppe Longo) u ġie li jkun hemm wieħed waħdu, li jġîb il-ħalla minn għand il-Patrijarka ta' Ġerusalêm li jqaddes żewġ quddisiet nhar ta' Ħadd, biex in-nies tal-Paroċċa jilħqu jisimgħu kollha. Hemm m'hux bħal Malta, li l-kappillân ġie li jdum f'Parroċċa waħda għoxrîn jew tletîn sena. Il-kurat, fit-Transġordânja, kull sena, jew sentejn, u drabi anqas minn sena, ikollu jitbiddel. Dan jiġri għax tinqala' xi tilwîma bejnu u bejn in-nies tat-tajfa (kif jgħidulha huma l-Par-

Fit-tmienja u nofs joħroġ il-kurât bl-*asperges* u jroxx in-nies bl-ilma mbierek; u jkollu miegħu żewġ subjien lebsîn suttâna ħamra u rukkett

abjad. Wara l-*asperges* jilbes il-pjanêta u jibda l-quddiesa, waqt li wieħed mis-subjien jaqra t-tifsîr tal-quddiesa bil-Għarbi, kelma b'kelma bħal qassîs, u kull ħadd iwieġeb bil-Għarbi wkoll. Il-Palestîna kollha, u t-Transġordânja wkoll hemm id-drawwa sabîħa li waqt il-quddiesa, nhar ta' Ħadd, wieħed mis-subjien li jgħinu 'l qassîs, jaqra l-Epistola bil-Għarbi. Qabel il-kredu, il-qassîs jaqla' l-pjaneta u jqegħedha fuq l-artal; u jaqbad il-Ktieb tal-Evanġelju u jinżel ittarġiet u jdûr lejn in-nies. Irodd issalîb u jaqra l-Evanġelju ta' dak innar bil-Għarbi. Wara jgħîd erba' kelmiet bħala tifsîr ta' dak li jkun qara, u jarġa' jitla' fuq l-artal, u jilbes il-pjaneta u, jtemm il-quddiesa. Wara l-quddiesa kull ħadd imur lejn id-dar.

Wara nofs inhar, nhar ta' Ħadd ukoll, għal ħabta tas-sagħtejn, filknisja jkun hemm it-talb. L-ewwel ir-Rużârju (huma jgħidulu l-*Misbħa*), imbagħad ftît ta' tifħir 'l Alla, bil-Għarbi, u fl-aħħar tingħâta l-Barka. Wara l-Barka, ftît għana ieħor u barra. Nies għat-talb ta' wara nofs inhar, ftît ikun hemm, għajr it-tfâl tal-iskôla u r-Raħbiet tal-"Wardija".



*Nisa tat-Transġordanja, bil-ħwejjeġ tagħhom ħoxnîn, infurrâti bissûf. Quddiem il-Misilmin jgħattu wkoll wiċċhom, imma quddiem il-"ħuri" Nisrâni, ma hemmx għal fejn.*

U anqas it-tfâl tal-iskôla ma jiġu l-koll.

F'dawn l-artijiet l-iskôla tkun dejjem ma' ġenb id-Dejr. Fis-Salt l-iskôla tal-bniet qegħda fid-Dejr tar-Raħbiet tal-"Wardija", u huma jieħdu ħsieb ijgħallmuhom ukoll. Lis-subjien jgħallmuhom is-surmastrijiet pajżâna, kif semmejna fuq. Kull jûm fis-sebgħa ta' fil-għodu t-tfâl ikollhom il-quddiesa, u fit-tmienja tibda l-iskôla li tibqa' sejra sa nofs inhâr. Imbagħad tarġa', mis-sagħtejn salerbgħa. Fl-erbgħa jmorru l-knisja, jgħîdu r-Rużarju u t-talb ta' filgħaxija, u jmorru d-dar. Fl-iskejjel jitgħallmu l-aktar ilsien Għarbi; l-Ingliż jitgħallmuh tajjeb ukoll. Jitgħallmu l-aritmetka, u l-kbar Alġebra u Ġeometrija wkoll; Storja u Ġeografija, u m'għandniex xi ngħidu, Tagħlîm Nisrâni qisu kull jum. Imma t-tfâl tal-Insâra wkoll, meta jitfarfru aktarx li jmorru l-iskôla tal-Gvern, għax hemm jitgħallmu aktar u aħjâr, għal kemm aktarx jiħżienu, għax jagħmluha mażżgħażagħ Misilmîn, li aktarx dejjem ikunu ta' għadiet imħassra.

ELSIE.

*(Baqa' għal ħarġa oħra.)*